KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 11.11.2008
KUMM(2008) 719 finali

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

Is-Sitt Rapport skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89 dwar il-ġbir tal-VAT u l-proċeduri ta' kontroll

{SEC(2008) 2759}

WERREJ

1. SOMMARJU EŻEKUTTIV 3

1. Kapitolu 1: Daħla u Ambitu 4

1.1. X'inhu Rapport skont l-Artikolu 12? 4

1.2. Minn fejn tiġi l-informazzjoni fil-Rapporti? 4

1.3. Ir-rapport preċedenti skont l-Artikolu 12 4

1.4. L-Għan tar-Rapport 4

1.5. L-Ambitu tar-Rapport 5

2. Kapitolu 2: Is-segwitu għar-rakkomandazzjoni 5

2.1. Għalfejn wieħed għandu jagħti ħarsa lejn ir-rakkomandazzjonijiet ta' qabel 5

2.2. Il-ġbir tal-provi 5

2.3. L-analiżi tar-risposti 6

2.4. Riżultati 6

2.5. Il-valutazzjoni 7

3. Kapitolu 3: Konklużjonijiet operattivi mis-seminar 7

3.1. Introduzzjoni 7

3.2. Id-differenza fil-VAT 8

3.3. Il-valutazzjoni 8

4. Kapitolu 4: Konklużjonijiet 10

4.1. Il-Kuntest u l-għanijiet 10

4.2. Indikaturi tas-suċċess 10

4.3. Valutazzjoni komplessiva 11

1. SOMMARJU EŻEKUTTIV

Dan huwa s-sitt rapport f'sensiela li l-Kummissjoni tipprovdi lill-awtorità baġitarja kull tliet snin dwar il-proċeduri ta' ġbir tal-VAT u l-proċeduri ta' kontroll. Fil-passat, ir-rapporti kienu jkopru l-oqsma tematiċi kollha proposti mir-Regolament 1553/89 u għamlu rakkomandazzjonijiet maħsuba biex jinkiseb titjib tista' tgħid f'kull wieħed minnhom. Din l-edizzjoni tar-rapport hi xi ftit differenti. Tagħti ħarsa realistika lejn dak li nkiseb bħala riżultat tal-ħames rapporti ta' qabel − b'mod li tipprova tevalwa jekk tistax tingħata prova li l-proċess ta' rappurtar kien effettiv.

F'rapporti ta' qabel kienet issemmiet il-kwistjoni ta' x'inhu l-iskop fundamentali tar-rapporti skont Artikolu 12. Għalkemm hemm ħafna proċeduri uniformi dettaljati dwar kif jiġi kkalkulat l-ammont (il-bażi tal-VAT) li minnha jinġiebu r-riżorsi proprji ta' VAT tal-Kummissjoni, dan il-proċess jibda' bl-ammont ta' VAT li l-Istati Membri fil-fatt jiġbru. Fil-kuntest tal-kontrolli fuq ir-riżorsi proprji, il-Kummissjoni tivverifika l-eżattezza tal-kalkoli tal-Istati Membri iżda ma tispezzjonax l-arranġamenti li jagħmlu l-Istati Membri għall-ġestjoni, il-kontroll u l-ġbir tal-VAT. L-informazzjoni fir-rapport tinġabar mill-Istati Membri - is-soltu permezz ta' kwestjonarju. L-arranġamenti u l-proċeduri tagħhom jistgħu jkunu differenti ħafna minn xulxin – dan mhux qasam fejn hemm biss metodu wieħed biss korrett u ċertament m'hemm l-ebda soluzzjoni li tgħodd f'kull ċirkostanza.

Il-Kummissjoni tqis li r-rapporti skont l-Artikolu 12 għandhom ikunu l-ixprun tal-bidla. Din il-bidla tista' sseħħ billi tiġi stimulata d-diskussjoni fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill, jew billi ssir il-bidla fl-Istati Membri bħala riżultat ta' rakkomandazzjoni magħmula fir-rapporti. Dan ir-rapport jiġbor fil-qosor ir-riżultati dwar x'kien is-suċċess tal-proċess ta' rappurtar meta wieħed ikejlu skont dawn iż-żewġ rigi.

Ir-riżultati m'humiex inkoraġġanti. L-ebda wieħed mir-rapporti ta' qabel ma qanqal xi tweġiba identifikabbli mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill, tant anqas ma qanqal diskussjoni. Stħarriġ li sar fost l-Istati Membri dwar l-attività li huma nedew minħabba r-rapporti skont l-Artikolu 12 ma pprovdix xi prova estensiva jew konvinċenti li saret xi azzjoni speċifika bħala riżultat tar-rapporti.

In-nuqqas ta' reazzjoni mill-awtorità baġetarja tqajjem dubji dwar jekk għadx hemm il-ħtieġa li jibqa' jsir ir-rapport, apparti minn sempliċement l-osservanza ta' obbligu regolatorju, u l-Kummissjoni għandha għadd kbir ta' opportunitajiet oħra biex ittejjeb il-ġbir tal-VAT u biex tikkontribwixxi biex tonqos il-frodi fil-VAT. Minkejja dan il-Kummissoni tqis li hu importanti li d-diskussjoni dwar il-kotnroll, il-ġbir u l-ġestjoni tal-VAT tkompli fuq il-livelli utli kollha. Il-Kummissjoni għaldaqstant se tkompli tuża l-arranġamenti skont l-Artikolu 12 biex tipprovdi xprun għar-riforma u l-bidla fl-Istati Membri billi tipprovdi pjattaforma għad-diskussjoni, l-iskambju tal-ideat u għall-ġbir tal-esperjenzi fil-qasam tal-VAT fost l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni.

1. KAPITOLU 1: DAĦLA U AMBITU

1.1. X'inhu Rapport skont l-Artikolu 12?

L-Artikolu 12 tar-Regolament 1553/89[1] jitlob li l-Kummissjoni tħejji rapport lill-awtorità baġitarja (il-Parlament Ewropew u l-Kunsill) kull tliet snin dwar il-proċeduri li japplikaw l-Istati Membri biex jirreġistraw il-persuni taxxabbli u biex jikkalkolaw u jiġbru l-VAT, kif ukoll dwar il-modalitajiet u r-riżultati tas-sistemi tagħhom ta' kontroll tal-VAT. Ir-rapport għandu wkoll jikkunsidra jekk wieħed għandux jaħseb biex itejjeb il-proċeduri.

1.2. Minn fejn tiġi l-informazzjoni fil-Rapporti?

L-informazzjoni fir-rapport tinġabar mill-Istati Membri. Il-metodu ta' ġbir li ssoltu jintuża huwa li jitfasslu u jinħarġu kwestjonarji li jiffukaw fuq oqsma partikolari tal-arranġamenti ta' amministrazzjoni u ġbir tal-VAT li għandhom l-Istati Membri. It-tweġibiet tagħhom huma miġbura b'mod li jitfassal ir-rapport. Għall-ħames rapport (ippubblikat kmieni fl-2005) dan l-approċ ġie ssupplimentat bi żjajjar fl-Istati Membri kollha ta' dak iż-żmien sabiex jiġu ċċarati u elaborati t-tweġibiet li kienu taw fil-kwestjonarju. Barra tweġibiet għal kwestjonarju mħejji apposta, dan ir-rapport jieħu mir-riżultati ta' seminar li fih ħadu sehem l-Istati Membri kollha u li l-Kummissjoni organizzat fl-2006[2].

1.3. Ir-rapport preċedenti skont l-Artikolu 12

Dan ir-rapport huwa s-sitt wieħed fis-sensiela[3]. Fil-passat, ir-rapporti kienu jkopru l-oqsma tematiċi kollha proposti mir-regolamenti u għamlu rakkomandazzjonijiet li huma marbuta tista' tgħid ma' kull wieħed minnhom.

1.4. L-Għan tar-Rapport

Wieħed jista' jixħet dubji dwar l-għan fundamentali tar-rapport peress li, wara kollox, l-Artikolu 3 tal-istess Regolament jagħmilha ċara li l-bażi tar-riżorsi tal-VAT ġejja mid-dħul nett totali li fil-fatt jinġabar minn Stat Membru matul is-sena partikolari. Meta l-Kunsill approva d-dispożizzjonijiet regolatorji relevanti adotta l-fehma li l-proċedura ta' rappurtar kellha tikkontribwixxi għal miżuri ta' tisħiħ fil-ġlieda kontra l-frodi. Għall-Kummissjoni, ir-rapport iservi ta' mezz biex hi tkun tista' tikkummenta fil-miftuħ dwar l-effiċjenza u l-effettività tal-ġestjoni tal-VAT mill-Istati Membri u għandu jkun xprun ta' bidla. Ir-rapporti jikkontribwixxu wkoll fl-iskambju tal-aħjar prattika u jirriflettu l-intenzjoni li l-Istati Membri kollha għandhom ikunu ttrattati ndaqs fejn jidħlu l-kontribuzzjonijiet tagħhom lejn il-baġit tal-Komunità.

---

1 Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89 tad-29 ta' Mejju 1989 ĠU L155, 7.6.89 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud

2 Is-seminar inżamm f'Talinn, l-Estonja, mill-11 sat-13 ta' Ottubru 2006 taħt il-programm ta' kooperazzjoni amministrattiva tal-Komunità għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa u l-uffiċjali tagħhom – Fiscalis 2007.

3 Il-5es Rapport: COM(2004) 0855 finali u Anness (2004)1721.
Ir-4a Rapport: COM/00/0028 finali
It-3et Rapport: COM/98/0490 finali
It-2ni Rapport: COM/95/354 finali
L-1el Rapport: SEC(92) 280 finali

1.5. L-Ambitu tar-Rapport

Dan ir-rapport ikopri l-perjodu 2003 sa 2006 u jikkonċerna żewġ oqsma ewlenin. L-ewwelnett jagħti ħarsa realistika lejn dak li nkiseb bħala riżultat tar-rakkomandazzjonijiet li saru fil-ħames rapporti ta' qabel. It-tieni huwa dak li jkompli jiżviluppa fuq is-seminar li l-Kummissjoni kienet organizzat fl-2006, is-sena wara l-pubblikazzjoni tal-ħames rapport. Is-seminar wera li l-konformità voluntarja u l-użu u l-importanza tal-valutazzjoni – temi ewlenin li huma fil-bażi ta' rakkomandazzjonijiet fil-qasam tal-VAT – kienu interpretati b'mod differenti ħafna minn amministrazzjonijiet differenti. Ittieħdet l-opportunità li jiġu ppreżentati l-konklużjonijiet dwar il-konformità voluntarja u l-evalwazzjoni li kien wasal għalihom is-seminar ta' Tallinn.

2. KAPITOLU 2: IS-SEGWITU GĦAR-RAKKOMANDAZZJONI

2.1. Għalfejn wieħed għandu jagħti ħarsa lejn ir-rakkomandazzjonijiet ta' qabel

Kif spjegat fl-introduzzjoni dan huwa s-sitt rapport f'din is-sensiela li l-Kummissjoni ppreparat ibbażat fuq informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri. Ir-rapporti ta' qabel skont l-Artikolu 12 ippreżentati lill-awtorità baġitarja ma ġġeneraw l-ebda dibattitu. Dan in-nuqqas ta' reazzjoni jqajjem dubji dwar kemm hu effettiv il-proċess ta' rappurtar. Madankollu l-Istati Membri jistgħu huma stess ikunu qed jużaw ir-riżultati tar-rapporti bħala bażi biex fuqha jieħdu azzjoni biex itejbu l-arranġamenti amministrattivi tagħhom. Wara l-pubblikazzjoni tal-ħames rapport il-Kummissjoni organizzat seminar bil-ħsieb li tesplora jekk dan kienx il-każ jew le. Filwaqt li s-seminar ġie meqjus bħala suċċess mill-Istati Membri li ħadu sehem u ċertament serva bħala mezz siewi għalihom biex ikunu jistgħu joħolqu linji ta' komunikazzjoni bejniethom, biex jiskambjaw l-aħjar prassi u biex jispjegaw inizjattivi li kienu qed jieħdu lil Stati Membri oħra, is-seminar fl-aħħar mill-aħħar ma kienx l-aktar post xieraq biex jitkejjel il-progress fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet. Dan jista' jkun jkun fost affarijiet oħra minħabba ż-żmien ta' meta fih sar is-seminar – mhux ħafna wara t-tkabbir tal-UE-10 − madwar terz ta' dawk li attendew kienu minn pajjiżi li kienu ilhom membri tal-UE għal sentejn biss u għalhekk kellhom biss ftit żmien biex ikunu jistgħu jirreaġixxu għar-rakkomandazzjonijiet.

Ir-rakkomandazzjonijiet ipprovdew l-istruttura tas-seminar u influwenzaw il-kontenut tiegħu. Madankollu, il-kwistjonijiet jaħarqu dwar safejn kienet imxiet l-azzjoni biex timplimentahom, jew jekk l-Istati Membri kellhomx il-ħsieb li jieħdu azzjoni dwarhom ma kinitx indirizzata b'mod sistematiku fost l-Istati Membri kollha fejn tidħol il-firxa kollha tar-rakkomandazzjonijiet. Wieħed seta' jkompli jibni fuq id-diskussjonijiet fis-seminar li żguraw li l-Istati Membri kollha tfakkru jew li ffamiljarizzaw ruħhom mar-rakkomandazzjonijiet permezz ta' ritorn lejn il-kwistjoni fir-rapport li jmiss u billi għal darb'oħra jiġi utilizzat il-metodu ta' kwestjonarju. Il-Kummissjoni għandha tikseb provi biex tkun tista' tagħmel evalwazzjoni realistika tal-grad ta' titjib li jkunu waslu għalih ir-rakkomandazzjonijiet u b'hekk tikseb valutazzjoni dwar sa liema punt ir-rapporti kienu xprun għall-bidla.

2.2. Il-ġbir tal-provi

Tfassal kwestjonarju biex tinġabar l-informazzjoni għal dan ir-rapport billi ntuża l-qofol tar-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapport l-oħra ta' qabel. Dan il-qofol li fil-bidu kien tħejja għas-seminar kellu ħdax-il element. Xi elementi kienu speċifiċi, l-oħrajn aktar astratti. Il-lista sħiħa tidher f'anness ta' dan ir-rapport iżda l-oqsma primarji koperti kienu dawn li ġejjin: it-

titjib tal-konformità voluntarja flimkien mal-irkurpu u l-infurzar; l-użu tal-IT; il-ġabra ta' reazzjonijiet u arranġamenti oħra ta' valutazzjoni; flimkien ma' titjib fiż-żamma ta' reġistri u fil-flussi tal-informazzjoni.

Il-kwestjonarju talab lill-Istati Membri biex:

- jiddeskrivu xi żviluppi li saru fejn jidħlu l-ħdax-il rakkomandazzjoni sa mill-bidu tal-2003;
- jiddikjaraw jekk kienx hemm xi valutazzjoni tal-impatt ta' dawn l-iżviluppi;
- jispjegaw ir-raġunijiet li ma tkun ittieħdet l-ebda azzjoni, jekk ikun il-każ; u fl-aħħarnett
- jiddelineaw xi azzjoni alternattiva li jkunu ħadu biex jirrimedjaw xi nuqqasijiet potenzjali fl-oqsma koperti mir-rakkomandazzjonijiet u r-riżultati li jkunu nkisbu.

2.3. L-analiżi tar-risposti

L-Istati Membri kollha wieġbu l-kwestjonarju. It-tweġibiet tagħhom inġabru u saret analiżi għal kull rakkomandazzjoni ta' liema azzjoni kienet ittieħdet, jekk kienx tkejjel is-suċċess tagħhom u, fejn ikun imiss, x'kien li wassal biex ma titteħidx azzjoni. L-analiżi kienet diffiċli peress li l-Istati Membri mhux dejjem kienu speċifiċi fit-tweġibiet tagħhom. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri wieġbu billi ddeskrivew is-sistema li operaw f'dan il-qasam ikkonċernat permezz tar-rakkomandazzjoni iżda ħafna anqas taw informazzjoni bbażata fuq iż-żmien u kważi ma rabtu l-ebda innovazzjoni ma' rakkomandazzjoni speċifika.

Il-kwistjoni fit-tieni stadju dwar jekk xi attività partikolari kinitx ġiet ivvalutata kienet anki aktar diffiċli biex tkun eżaminata. Ftit kienu l-Istati Membri li taw risposti aktar dettaljati milli f'termini ġenerali. L-ispjegazzjonijiet dwar ir-raġuni li minħabba fiha ma tkunx ittieħdet azzjoni jew dwar l-għażliet alternattivi (l-aħħar żewġ mistoqsijiet) rarament ingħataw.

2.4. Riżultati

Tħejjiet tabella li telenka l-ħdax-il rakkomandazzjoni kollha flimkien ma' deskrizzjoni qasira tat-tweġibiet tal-Istati Membri kif ukoll evalwazzjoni qasira tal-progress li sar lejn l-implimentazzjoni, u din ġiet annessa ma' dan ir-rapport.

Meta wieħed jagħti ħarsa ġenerali lejn ir-riżultati miksuba, jidher li kien hemm riżultati pożittivi. Kważi l-Istati Membri kollha stqarru li kien hemm xi attività f'oqsma li jikkorrispondu ma' dawk speċifikati fir-rakkomandazzjonijiet. Madankollu kien hemm xi eċċezzjonijiet bħal fil-każ tal-użu tal-pjani ta' kontroll tal-VAT kif ukoll l-importanza tal-valutazzjoni ċentrali tar-riskju. F'dawn iż-żewġ oqsma għadd sinifikanti ta' Stati Membri stqarrew fehmiet differenti minn dawk miġjuba fir-rakkomandazzjonijiet. Pereżempju grupp ta' Stati Membri kien konvint li l-pjani ta' kontroll tal-VAT għandhom ikunu inkorporati fi pjani ta' kontroll għal taxxi oħra, aktar milli jkunu entitajiet għalihom. Din tidher li hi tweġiba plawsibbli għal suġġett ieħor diskuss f'rapporti oħra skont l-Artikolu 12: dak li jkun ta' ġid li l-VAT tkun parti minn dipartiment wieħed kbir ta' ġbir tat-taxxa, aktar milli tkun topera separatament. Bl-istess mod, xi Stati Membri kienu sodi fil-fehma tagħhom li l-evalwazzjoni lokali tar-riskju kien il-mudell preferut għalkemm il-livell ċentrali għandu jinżamm infurmat. It-tielet qasam fejn jidher li kien hemm ftit attività kien fejn tidħol il-valutazzjoni ta' prestazzjoni individwali tal-uffiċjali. Hawnhekk il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri sempliċementi ddeskrivew il-proċess ta' valutazzjoni li jkun sar għal skop ta' riżorsi umani u

ta' ppjanar tal-karriera. Kien biss Stat Membri wieħed li daħal fid-dettal ta' xi valutazzjoni aktar profonda maħsuba għas-suċċess jew għan-nuqqas tiegħu tal-attivitajiet tal-kontroll tiegħu tal-VAT.

Instab li kienu ftit l-Istati Membri li rrappurtaw dwar l-attività tagħhom għall-perjodu mill-2003 lil hawn (barra dawk l-Istati Membri li ssieħbu minn dik id-data). Fil-fatt, xi Stati Membri "qodma" ikkumentaw b'mod speċifiku li kienu seħħew xi attivitajiet partikolari, jew inkella li kienu ntlaħqu xi għanijiet partikolari qabel ma saru r-rakkomandazzjonijiet dwar dawn skont l-Artikolu 12.

Fejn jidħlu t-tweġibiet għall-mistoqsijiet li ġejjini, jiġifieri: ir-riżultati ta' xi valutazzjoni tal-impatt dwar l-iżviluppi jew xi azzjoni meħuda; ir-raġunijiet ta' xi nuqqas ta' azzjoni; u kummenti dwar xi azzjoni alternattiva li ġiet ippreferuta, kien verament diffiċli ħafna li tinkiseb tweġiba tassew ċara ħlief f'xi każijiet iżolati.

2.5. Il-valutazzjoni

L-għan tal-valutazzjoni kien dak li wieħed jeżamina jekk ir-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapport skont l-Artikolu 12 kinux xprun għall-bidla. Ftit instabu provi ta' dan. Tassew li r-riżultati taw assigurazzjoni li r-rakkomandazzjonijiet kienu fil-biċċa l-kbira f'konformità mal-inizjattivi li kienu ħadu jew li kienu qed jieħdu l-Istati Membri. Madankollu kien diffiċli li jinstabu xi provi li jorbtu l-azzjoni tal-Istati Membri b'mod speċifiku mar-rakkomandazzjonijiet tar-rapport.

L-attenzjoni mbagħad inxteħtet fuq ir-riżultati li xandru l-Istati Membri dwar l-attività ta' valutazzjoni tal-inizjattivi tagħhom. Dan jista' jkun indikatur ċentrali tal-influwenza u l-importanza tal-proċess ta' rappurtar skont l-Artikolu 12 minħabba l-enfażi li poġġa l-kwestjonarju fuq dan l-aspett, flimkien mal-importanza li kienet ingħatatlu fis-seminar fl-2006. Ir-riżultat minn din il-parti tal-valutazzjoni kien diżappuntanti hekk kif tista' tgħid l-ebda Stat Membru ma kkumenta dwar xi evalwazzjoni jew xi proċess li għaddej ta' kejl u reviżjoni.

3. KAPITOLU 3: KONKLUŻJONIJIET OPERATTIVI MIS-SEMINAR

3.1. Introduzzjoni

Is-seminar issawwar madwar taħlita ta' preżentazzjonijiet minn amministrazzjonijiet nazzjonali u minn esperti esterni, flimkien ma' *workshops* u diskussjoni ta' *panel.*

Is-seminar kien immirat lejn uffiċjali li qed jaħdmu fuq livell strateġiku fil-pajjiżi parteċipanti aktar milli lejn dawk li qed jaħdmu ma' riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT. L-udjenza tal-mira kienet tikkonsisti minn dawk involuti fl-istabbiliment tad-direzzjoni ġenerali ta' kontroll tal-VAT, li jfasslu l-politika ta' kontroll u li jevalwaw il-kontroll, il-ġbir u l-infurzar tal-VAT.

Dan is-seminar organizzat mill-Kummissjoni kien opportunità tajba biex it-tematika f'rapport skont l-Artikolu 12 tinġieb fl-arena tad-diskussjoni, għal skambju ta' ideat u l-ġabra tal-esperjenza. Din l-inizjattiva tal-Kummissjoni kienet apprezzata ħafna mill-pajjiżi parteċipanti, irrispettivament mid-data tal-adeżjoni tagħhom.

L-attenzjoni ma nxeħtitx biss fuq is-segwitu ta' rakkomandazzjonijiet ta' qabel, iżda wkoll fuq l-aspetti kwalitattivi tal-qabża tal-VAT flimkien mal-konformità voluntarja, u għar-rwol taċ-ċikli ta' valutazzjoni f'amministazzjoni moderna.

3.2. Id-differenza fil-VAT

Id-differenza fil-VAT hija d-differenza bejn id-dħul mistenni jew antiċipat mill-VAT, u d-dħul li fil-fatt jinġabar. Id-differenza sseħħ l-aktar bħala konsegwenza ta' telf ta' dħul bħala riżultat ta' frodi, insolvenza, evażjoni ta' taxxa u evitar ta' taxxa. Minn punto di vista dejjaq dan jista' jidher li hu suġġett mhux tas-soltu għal seminar dwar ir-riżorsi proprji mill-VAT peress li l-arranġamenti għall-kalkolu tar-riżorsi proprji tal-VAT jeskludu apposta d-differenza fil-VAT. Il-punt tat-tluq biex tiġi kkalkulata l-bażi tal-VAT huwa d-dħul li fil-fatt jinġabar, mhux l-ammont li suppost kellu jinġabar[4]. Madankollu hemm rabta ċara bejn it-tfassil ta' miżuri biex titjieb il-konformità voluntarja, li tista' tkun tinkludi kwistjonijiet ta' servizz lill-klijenti u ta' aspettattivi, u l-proċess ta' kkwalifikar, aktar milli sempliċement l-ikkwantifikar, tad-differenza fil-VAT.

Matul is-seminar deher ċar li l-Istati Membri kellhom fehmiet differenti dwar kemm hu utli li d-daqs tad-differenza fil-VAT tiġi stmata. Kien hemm ukoll ħafna approċċi differenti lejn il-proċess tal-istima, b'xi wħud li xeħtu aktar enfażi fuq il-kwantifikazzjoni tad-differenza u l-ħtieġa li jkun hemm metodu standard ta' kalkolu. Madankollu, ladarba jkun ġie kkwantifikat id-daqs tad-differenza ftit li xejn jista' Stat Membru jagħmel b'dan l-għarfien. Il-fatt sempliċi li jkun magħruf id-daqs tagħha fih innifsu mhux se jsewwi s-sitwazzjoni.

Analiżi kwalitattiva tad-differenza fil-VAT, ibbażata fuq metodi għall-identifikazzjoni ta' dawk l-operaturi ekonomiċi li jwasslu għaliha hija għalhekk essenzjali sabiex jitnaqqas l-għadd ta' kummerċjanti li m'humiex għal kollox konformi. Il-partikolaritajiet ta' kull settur ta' kummerċjanti li jikkostitwixxu d-differenza għandu jiġu investigat u jiġi stabbilit, u wara dan għandhom jiġu mfassla u applikati l-metodi ta' konformità korretti − li jvarjaw minn miżuri ta' konformità volontarji mmirati sa prosekuzzjoni kriminali għal dak is-settur partikolari.

Kif jidher f'din il-ġabra fil-qosor, il-kwistjoni ssemmiet ħafna matul is-seminar iżda ma ntlaħaq l-ebda qbil: dawk involuti, għalkemm jagħrfu l-importanza tal-kunċett, ma identifikawx xi azzjoni ta' rimedju li dwarha seta' jaqbel kulħadd.

3.3. Il-valutazzjoni

Fil-ħames rapport tagħha skont l-Artikolu 12 il-Kummissjoni poġġiet enfażi fuq l-importanza ta' valutazzjoni xierqa mill-Istati Membri tat-tħaddim tal-attivitajiet tagħhom ta' ġbir ta' VAT, peress li ġie nnutat li l-valutazzjoni ma ngħatatx il-livell ta' attenzjoni li kien jixirqilha fl-amministrazzjoni tat-taxxa ta' kull Stat Membru.

Il-valutazzjoni saret aktar importanti minħabba d-deċentralizzazzjoni tal-*management* u minħabba kompiti oħra, kif ukoll minħabba l-importanza miżjuda mogħtija lill-effiċjenza, l-effettività u l-kwalità tas-servizz. Din it-tendenza kompliet tiġi aċċentwata fid-dawl tat-tnaqqis fil-baġit jew ta' skrutinju aktar attiv dwar kif ġew minfuqa fondi allokati.

---

[4] - ħlief għal diversi aġġustamenti u kumpensi meħtieġa peress li l-liġi tal-VAT tipprovdi l-Istati Membri b'xi għażliet u l-bażi tal-VAT hija kkalkulata daqslikieku l-liġi kienet armonizzata għal kollox.

Valutazzjoni kif jixraq għandha tinkludi evalwazzjoni tas-sitwazzjoni qabel u wara l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ikkonċernati u tuża indikaturi biex jiġi mmonitorjat il-progress minn żmien għal żmien.

Mis-seminar deher ċar li d-distinzjoni bejn il-kunċetti ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni ma kinitx għal kollox ċara f'ħafna Stati Membri. Il-Kummissjoni tqis li huma meħtieġa t-tnejn biex titjieb il-prestazzjoni u biex ikun żgurat li "jsiru l-affarijiet tajbin bil-mod tajjeb". Madankollu deher li mhux l-Istati Membri kollha jagħtu l-istess valur lit-tekniċi ta' valutazzjoni meta jkunu qed jiżviluppaw u jtejbu l-politika u l-istrateġija tagħhom fejn jidħol il-kontroll tal-VAT.

4. KAPITOLU 4: KONKLUŻJONIJIET

4.1. Il-Kuntest u l-għanijiet

Ir-Regolament 1553/89 li huwa dwar l-arranġamenti għall-ġbir tar-riżorsi proprji li ġejjin mit-taxxa fuq il-valur miżjud jitlob lill-Kummisjoni li tħejji rapport lill-awtorità baġitarja kull sena. Ir-rapporti huma miġbura minn informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri. Id-dispożizzjonijiet regolatorji jipprevedu li l-proċess ta' rappurtar għandu jkun iffokat fuq il-proċeduri tal-Istati Membri biex jirreġistraw lill-persuni taxxabbli, il-kalkolu u l-ġbir tad-dovuti tal-VAT flimkien mas-sistemi ta' kontroll u verifika tagħhom.

Huwa importanti li wieħed josserva li għalkemm hemm proċeduri uniformi f'posthom dwar kif għandu jkun ikkalkolat l-ammont (il-bażi ta' VAT) li minnu jittieħed l-ammont li għandu jingħata lill-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom ħafna aktar libertà[5] meta jiġu biex jiffissaw il-limiti u l-proċessi ta' reġistrazzjoni, ir-rati tat-taxxa u l-arranġamenti ta' kontroll. Għalhekk dan mhux qasam fejn hemm tweġiba tajba waħda biss u ċertament għażliet li jkunu kollha l-istess għal kulħadd x'aktarx li ma jkunx hemm.

Filwaqt li tagħraf dawn il-limitazzjonijiet, il-Kummissjoni madankollu ressqet varjetà ta' rakkomandazzjonijiet fir-rapport tagħha ta' qabel bil-għan li tara li jkun hemm titjib fil-metodi ta' ħidma tal-Istati Membri. F'dan ir-rapport partikolari tiġi mgħarbla l-kwistjoni tal-valutazzjoni dwar jekk ir-rapporti ta' qabel u r-rakkomandazzjonijiet ta' fih kinux tassew xprun tal-bidla.

4.2. Indikaturi tas-suċċess

Ġew identifikati żewġ indikaturi potenzjali li jistgħu jintużaw bħala kejl ta' suċċess tar-rapporti. L-aktar reazzjoni pożittiva tkun fil-forma ta' provi li r-rapporti jkunu xprunaw id-dibattitu mill-awtorità baġitarja u mbagħad li d-dibattitu jkun wassal għal titjib fl-arranġamenti għall-ġestjoni u l-ġbir tal-VAT. Ma nstabet l-ebda prova ta' dan.

Intalbet ukoll mill-Istati Membri reazzjoni dwar x'azzjoni kienu ħadu biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet. Il-Kummissjoni bdiet tqiegħed il-pedamenti għal dan ir-rapport wara l-pubblikazzjoni tal-aħħar wieħed fl-2005 billi għamlet l-arranġamenti għal seminar li fih l-Istati Membri kollha ġew mistiedna jqisu l-kwistjonijiet usa' li kienu wasslu għar-rakkomandazzjonijiet preċedenti. Kien maħsub li dan għandu jwassal għal analiżi u valutazzjoni fl-Istati Membri dwar sa liema punt kienu implimentaw l-azzjoni rakkomandata jew, jekk ma kinux għadhom implimentawha, għaliex ma kinux għamlu dan, jew inkella x'alternattivi huma segwew. Il-frott ta' din l-attività imbagħad jinkiseb fil-kwestjonarji għal dan ir-rapport.

Kif juru r-riżultati fil-Kapitlu 2 u fl-anness, il-valutazzjoni realistika u rigoruża apposta li saret dwar dak li nkiseb bħala riżultat tar-rakkomandazzjonijiet li saru fil-ħames rapport ta' qabel ftit tagħti raġuni biex ikun hemm veduta pożittiva. Tagħti serħan il-moħħ li l-biċċa l-

---

[5] Fi ħdan ir-restrizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-VAT − Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-Sistema Komuni ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud, ĠU L 347, 11.12.2006. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kunsill 2008/8/KE tas-12 ta' Frar 2008, ĠU L 44, 20.2.2008, p. 11.

kbira tar-rakkomandazzjonijiet kienu f'waqthom u li l-Istati Membri ħadu, jew kienu ħadu, azzjoni fuq temi simili iżda mhux li r-rakkomandazzjonijiet infushom kienu l-ixprun.

4.3. Valutazzjoni komplessiva

Meta wieħed iqis l-arranġamenti għar-riżorsa proprja tal-VAT tqum il-kwistjoni dwar x'inhu l-iskop aħħari li jsiru rapporti skont l-Artikolu 12. Wieħed jista' jressaq l-argument li sabiex jintlaħaq skop tassew utli r-rapporti għandhom ikunu xprun għall-bidla, u l-opinjoni tal-Istati Membri li dawn jista' jkollhom kontribut x'jagħtu fil-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT ukoll hi ta' min jagħti kasha.

Dan ir-rapport jiddeskrivi xi sforz sar biex titkejjel il-kontribuzzjoni li taw ir-rapporti lejn tibdil li jkun ta' ġid, jew titjib fil-metodi li jużaw l-Istati Membri biex jiġġestixxu l-VAT. Miżura waħda li ġiet eżaminata kienet jekk ir-rapporti skont l-Artikolu 12 ippubblikati fil-passat kinux katalisti li ħaffu d-dibattitu fil-Parlament Ewropew jew fil-Kunsill. Peress li r-rapport ma stimulaw l-ebda risposta la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill, ma kien hemm l-ebda suċċess x'wieħed jirrapporta f'dan il-każ. Saret ukoll il-mistoqsija lill-Istati Membri dwar l-attività li kienu bdew minħabba r-rapporti skont l-Artikolu 12. Għalkemm taw xi reazzjonijiet pożittivi, huwa diffiċili li wieħed jindika xi azzjoni speċifika li ma kinitx issir li kieku ma kienx hemm ir-rapport skont l-Artikolu 12. Il-Kummissjoni għalhekk se tibda' diskussjoni bejn l-atturi relevanti mill-Istati Membri fi ħdan il-forum tal-Kumitat Konsultattiv dwar ir-Riżorsi Proprji dwar temi li huma indirizzati fl-Artikolu 12 tar-Regolament 1553/89, inkluż il-konklużjonijiet li wieħed jista' jiġbed minn dan ir-rapport.